# IL-Huttafa

Il-Magażin ta' Klabb Ħuttaf

Numru 32 — Mejju Ġunju 1999

BirdLife MALTA
L-Għaqda għall-Għasafar


## Min hu n-Nannu ta' Filfla?



p3




p4



p10

## Ħniena !!!




p11

## Mija obra!

p12



John J Borg

## Garnija tan-Nord

karta riċiklata

editorjal

# Ħbieb! Ħuttaf



Dan l-aħħar kont miexi f'raħal fejn kienu qed jirranġaw it-triq u jagħmlu l-bankini ġodda. Kull bankina wiesgħa daqs pjazza, mijiet u eluf ta' ċangaturi ħomor u griżi.

Fettilli sibt il-formen, li kien bil-brejk, u staqsejtu: "Allura x'siġar se tħawlu?"

Tani ħarsa stramba,xorob boqqa te, qaħqaħ u qalli: "X'siġar huma, xbin?!"

"Bankina bħal din!" għidtlu,"se tħalluha vojta???"

Baqa' jħares lejja qisni kont xi aljen għadni nieżel frisk mill-ispazju! U kompla jiekol. U jien ħallejtu bi kwietu...



X'ħasra hux, ħbieb! Osservaw ftit. Kemm taraw bankini ġodda, u mqar jaħsbu għal siġra. Kollox lixx u bla gost. U jekk jiftakru, iġibu xi skoss awrikarji jew palm (għax issa moda l-palm) u jpoġġuhom ġo qsari daqs dinja, bil-garanzija li fi żmien sentejn imutulhom!

Sa fejn naf jien, aħna l-iskola dejjem nitgħallmu s-siġar kemm huma tal-ġenn: kemm jagħtu kenn u ġmiel u dell u ħajja u arja u frisk. Imbagħad meta jiġina ċans, flok nagħmlu ġonna mit-toroq tagħna, nagħmlu deżert. Deżert tal-konkos, taċ-ċangatura (għax issa moda ċ-ċangatura), tal-ġebel, tal-briks, taż-żrar u tat-tarmak. U ġungla ta' tabelli, arbli u sinjali. Jaħasra x'dinja monotona qed nibnu!

**Isimgħu 'l hawn, għeżież Ħuttaf. La tikbru intom u tibdew tippjanaw intom it-toroq u l-pjazez u l-wesgħat ta' Malta, qisu li timlew kullimkien** mhux **bil-konkos, imma bis-siġar! Siġar Maltin!**

Min jaf, forsi la nixjieħ għad nilħaq inpoġġi fuq bank għad-dell ta' ħarruba żagħżugħa!

Bla ma jaħsbuni aljen!

Victor

**Victor Falzon**
**Editur**




## X'għandna did-darba?


| | |
|---|---|
| **Editorjal** | **paġ 2** |
| **Aħbarijiet ta' Malta** | **paġ 3** |
| **X'għandna mid-Dinja?** | **paġ 4** |
| **Kompetizzjoni 32** | **paġ 4** |
| **Nittrumbjaw fuq...il-GAMIEMA** | **paġ 5** |
| **Ittri** | **paġ 6** |
| **Attività** | **paġ 7** |
| **Gallerija** | **paġ 8** |
| **Ħmerijiet li Nisma'** | **paġ 9** |
| **Ħniena għall-Balena** | **paġ 10** |
| **Ħuttafa tas-Sena** | **paġ 11** |
| **Kotlloriża** | **paġ 11** |
| **Daħħal Membru** | **paġ 11** |
| **X'rat il-Kamera** | **paġ 12** |




**Serduq**
Shame-faced Crab

**Ritratt ta' Quddiem**

## Garnija tan-Nord

Manx Shearwater *Puffinus puffinus*

Il-Garnija tan-Nord hija waħda mill-aktar għasafar ġodda li żidna mal-lista ta' għasafar li dehru f'Malta (ara Il-Ħuttafa 18). Bħall-Garnija (li tbejjet ma' l-irdum ta' Malta), il-Garnija tan-Nord tgħix kważi ħajjitha kollha tittajjar fuq il-baħar. Il-Garnija tan-Nord tinstab l-aktar fl-Oċejan Atlantiku.

**Working Group ta' Klabb Ħuttaf**

Jason Aloisio, Audrey Chetcuti, Norman Chetcuti, Desirée Falzon, Victor Falzon, Chris Pulis.

Klabb Ħuttaf huwa t-taqsima ta' BirdLife Malta għall-membri ta' taħt is-sittax. Norganizzaw ħarġiet fil-kampanja, żjarat f'riservi naturali, lejliet kraft u anke nagħmlu xogħol ambjentali. Noħorġu l-magażin **Il-Ħuttafa** kull xahrejn għall-membri, u nagħmlu ħendawts u logħob għal waqt l-attivitajiet. Sħubija fil-Klabb hija **Lm1.50** fis-sena.

**Publikazzjoni BirdLife Malta**
**57 Triq Rigord Ta' Xbiex MSD 12 Tel 347646 Fax 343239**
Materjal mill-Ħuttafa jista' jiġi kkupjat dment li jissemma' isem il-magażin u tintbagħat kopja tal-materjal lil Klabb Ħuttaf fl-indirizz t'hawn fuq.
Stampat għand Poulton's Print Shop, Mejju 1999

aħbarijiet

# TA' ĊENĊ
## Mill-ġdid fil-mira!

Darba riedu jibnu lukanda kbira!
Imbagħad riedu joħolqu villaġġ turistiku!
Wara riedu jagħmlu korsa tal-golf!
**Issa ħolmu b'razzett tat-tonn!**




Fejn dan kollu? Ħeqq, fejn taħsbu? Eżattament taħt l-isbaħ parti ta' l-irdum ta' Ta' Ċenċ f'Għawdex.
Donnu lil Ta' Ċenċ ma jaħmluhx pinġut. Kull tant snin jitfaċċa xi proġett stupidu li għal xi raġuni misterjuża jinġibed bħal kalamita lejn dawn l-irdumijiet tant importanti għan-natura u għall-istorja ta' Malta u Għawdex.
X'jonqos issa? Jillonċjaw l-iSpace Shuttle minn Ta' Ċenċ??

*Talba*

*O Qerrieda tan-Natura!*
*Ħallu lil Ta' Ċenċ*
*għall-għanja tal-Merill.*
*Ħallu lil Ta' Ċenċ*
*għal Widnet il-Baħar.*
*Ħallu lil Ta' Ċenċ*
*għaċ-Ċief u għall-orkidi;*
*ħalluh għad-dolmens*
*ta' żminijiet mgħoddija.*
*Ħallu lil Ta' Ċenċ bil-kwiet,*
*fil-kwiet u għall-kwiet.*
*Ħallu lill-Maltin tal-lum*
*u ta' għada jgawdu dal-post*
*bla biża' li jitilfuh.*
*Għal dejjem ta' dejjem!*
*Amen.*

Fit-28 ta' April kont Kemmuna u nqbadt f'xibka. B'xorti tajba, ma kienx nassab komuni, imma ringer tal-BirdLife. Ma ħaqarnix, anzi ħa interess kbir fija. Smajtu jgħid li jien kont l-ewwel **sparvier** li nqabad mir-ringers Maltin. Imbagħad ħadli xi qisien, għamilli ċurkett ma' sieqi u telaqni.




## *Nannu ta' Filfla*


BirdLife Pictures

Kull sena studjużi tal-BirdLife imorru r-riserva naturali ta' Filfla biex jistudjaw l-għasafar li jbejtu fuqha. F'Mejju, ir-ringers tagħna qabdu **Kanġu ta' Filfla** (European Storm-petrel) li kellu f'siequ ċurkett li twaħħallu fl-1977! Jiġifieri dak il-Kanġu kellu mill-inqas 22 sena! Dan kien l-ixjeħ Kanġu li qatt inqabad, mhux Malta biss, imma rekord tad-dinja!



**Fil-Fatt...**

Ir-ringing huwa studju li jsir bi ċrieket speċjali li jitqiegħdu f'sieq l-għasafar, li jinqabdu għal ftit ħin fi xbiek apposta. L-istudju tar-ringing jgħinna nifhmu dwar il-passa, il-ħajja u l-imġiba ta' l-għasafar. Ir-ringing f'Malta beda fl-1965.

**Fid-dinja jikkalkulaw li hawn mill-inqas 30,000,000 (tletin miljun) speċi ta' annimali. Minn dawn, il-biċċa l-kbira huma insetti, u mill-insetti l-biċċa l-kbira huma... ħanfus!**



# Taz!




Planet Ark

Darba f'Tasmania kien jgħix it-**Tasmanian Tiger** *(Thylacinus cynocephalus)*. Imma mbagħad waslu l-Ewropej, u bdew joqtlu t-Tasmanian Tiger bl-addoċċ. Dan għax kultant kien jiklilhom xi ħaruf. Imsomma, tant qatlu li fl-aħħar qerduh: **l-aħħar Tasmanian Tiger tad-dinja miet f'Hobart Zoo fl-1936** (ritratt). U l-ispeċi spiċċat. Baqa' biss xi ġlud ibbalzmati jitmermru f'xi muzew, u xi frieħ ippreservati fl-alkoħol f'xi laboratorju.

Issa xi xjenzati qed jgħidu li daqt se jkunu kapaċi **jikklownjaw** dan l-annimal! Jiġifieri minn xi materjal li jieħdu mill-annimali ppreservati, **jirnexxilhom joħolqu l-annimal mill-ġdid... ħaj!** (Tiftakruh il-film Jurassic Park?) Tgħid veru li qed jgħidu?!

Sadattant ħafna jgħidu li għadhom jaraw dan l-annimal fil-foresti li baqa' f'Tasmania. Fil-fatt il-Gvern Tasman qed jinvestiga dwan ir-rapporti.

Dan l-annimal jgħidulu wkoll Tasmanian Wolf, Marsupial Wolf u Thylacine. Le, mhuwiex it-**Taz** tal-kartuns!

BBCWildlife, May 99




**Iceland ħabbret li se terġa' tibda toħroġ għall-kaċċa tal-balieni, tgħid x'tgħid id-dinja! Minn hawnhekk aħna ningħaqdu mal-balieni u nawguraw li l-magni tal-vapuri tal-kaċċa jiffriżaw u ma jaħdmulhomx!**

# Kompetizzjoni 32

*Stormin' Norman*

Sitt għasafar tħawdu flimkien u lkoll spiċċaw b'taħlita kbira f'isimhom. Aqta' x'jisimhom verament dawn l-għasafar, u ibgħat il-lista korretta lil **BirdLife Malta, 57 Triq A Rigord, Ta' Xbiex MSD 12.** Tinsix id-dettalji tiegħek. Ir-rebbieħ jingħata ktieb dwar l-għasafar. Żmien għandkom sa 8 Lulju 1999.

**3 punti**




**KOMPETIZZJONI 31**

Ir-rebbieħ ta' KOMPETIZZJONI 31 huwa **Luke Grech** minn **San Ġiljan**. Luke jista' jmur jiġbor il-ktieb li rebaħ miċ-Ċentru BirdLife f'Ta' Xbiex, mit-Tnejn sal-Ġimgħa (9am-12.00). Importanti li jieħu miegħu t-tessera (il-membership card).



# il-Gamiema



Denis Cachia




**Il-passa tar-rebbiegħa hija forsi l-isbaħ żmien għall-berdwoċing f'Malta. Bejn Marzu u Mejju, numru kbir ta' speċi ta' għasafar jgħaddu minn fuq il-gżejjer tagħna fi triqithom lejn l-Ewropa biex ibejtu. U wieħed mill-isbaħ għasafar li naraw daż–żmien hija l-Gamiema.**

| |
|---|
| Malti: **Gamiema** |
| Ingliż: **Turtle Dove** |
| Xjentifiku: ***Streptopelia turtur*** |

Il-Gamiema tkun qisha ħamiema, imma hija aktar ċara, b'kulur kannella ħamrani fuq il-ġewnaħ u vjola fuq iż-żaqq. F'għonqha għandha dabra bajda bil-faxxi suwed. Il-Gamiema tingħaraf ukoll mit-titjira mgħaġġla tagħha u mill-mod kif taqdef bi skossi ħfief.

Il-Gamiema komuni mhux ħażin f'April u Mejju - numru iżgħar jidher minn nofs Awwissu sa tmiem Settembru. Tħobb postijiet bis-siġar bħal-widien u msaġar żgħar, imma waqt il-passa tidher kullimkien, kultant fi qtajja' żgħar fil-għoli.

F'Ġunju, xi pari Gamiem spiss jitħajru jbejtu f'Malta, u kultant jilħqu anke jibnu l-bejta f'xi siġra kbira. Imma l-kaċċaturi dejjem joqtluhom. Daqs 20 sena ilu l-Gamiem kien ħafna iktar komuni, u eluf kbar kienu jidhru kull sena. Nies anzjani jirrakkontaw kif kienu jaraw qtajja' kbar ipassu minn fuq Malta.



Victor Falzon

X'ġara biex illum naqas daqshekk? Ir-raġunijiet huma ħafna. Il-bexx u l-erbiċidi li jintużaw fl-agrikoltura moderna joqtlu ħafna għasafar, meta dawn jieklu insetti u pjanti li jkunu ntmessu bil-bexx.

Fl-Afrika, fejn il-Gamiem jgħaddi x-xitwa, in-nies qed jeqirdu ħafna msaġar ta' l-Akaċja, siġra li toffri kenn u ikel lil din l-ispeċi.

Il-tielet raġuni hija l-kaċċa bla ražan li ssir għal dan l-għasfur, speċjalment fil-Mediterran. F'Malta l-Gamiema hija l-għasfur favorit tal-kaċċaturi, u dawn joqtlu eluf kull sena. Il-ħsara ssir mhix biss lill-għasafar. Biex il-Gamiem iħajruh jieqaf waqt il-passa, f'ħafna postijiet f'Malta (speċjalment f'Għawdex) tħawlu rqajja' bis-siġar ta' l-Ewkaliptus. Dis-siġra Awstraljana tagħmel ħafna ħsara lill-ambjent Malti, għax ittella' ħafna ilma mill-ħamrija u tnixxef l-art. U tarmi wkoll sustanzi velenużi fil-ħamrija.

**BirdLife tixtieq li jinbidlu l-liġijiet tal-kaċċa f'Malta. Jekk tieqaf il-kaċċa fir-rebbiegħa, il-Gamiem ikollu ċans jibda jbejjet. Immaġinaw naqra kieku f'kull roqgħa siġar tal-Ħarrub jidhru l-kuluri u jinstema' t-tbarqim tal-Gamiem.**

**Mark Falzon**

# Kien bil-ġuħ u tmajtu, Kien bil-għatx u sqejtu!

Sur Editur,

F'April li għadda kelli sorpriża sabiħa. Tliet għasafar tal-bejt waqgħu mill-bejta u ġew fil-bitħa tagħna. Peress li kienu għadhom żgħar, iddeċidejt li nagħmel xi ftit ta' l-ikel bħal biċċiet tal-ħobż u skalora ħalli ma jmutux bil-ġuħ. Kont għamilt ftit ilma wkoll għad-dell tax-xtieli.



Thomas Pace

Malli raw dan, ommhom u missierhom bdew jinżlu jżoqquhom minn dan l-ikel. Tista' taħseb kemm kienu jsaffru u jferfru ġwinħajhom malli jaraw lill-ġenituri tagħhom ħdejhom. Din ir-rutina ġrat kuljum, sakemm tliet ġimgħat wara ġiet ommhom u wieħed wara l-ieħor taru warajha għall-bejta.

Qed nibgħatlek ukoll ritratt li jien ħadt, biex jekk jogħġbok tippublikah ma' l-ittra fil-*Ħuttafa*.

**Thomas Pace**
Marsaxlokk

*Għażiż Thomas,*

*Kull min ra r-ritratt iggustahom dawk il-frieħ. Għalhekk xieraq li jgawduh ukoll il-Ħuttaf kollha!*

*L-Editur*

Prosit u grazzi **Richard Cachia Żammit** u **John Borg** tas-sensiela **In-Natura f'Pajjiżna** fuq it-TV. Għoġobna! Ritchie u Johnny t-tnejn huma membri attivi fil-BirdLife! U għalhekk bilfors xogħol tajjeb tistenna!!!




# Kien ferut u dewwejtu!

Sur Editur,

Dil-ġimgħa kont għaddejja minn ġo l-għelieqi tal-Għargħur u jiena u sejra d-dar iltqajt ma' ħafna kaċċaturi, għax fetaħ l-istaġun tal-gamiem.

F'daqqa waħda rajt ħuttafa, għax kien dieħel il-maltemp. Bdejt nitlob li ma jarawhiex, iżda kien kollu għalxejn, għax wara ftit sekondi smajt żewġ tiri u rajt il-ħuttafa nieżla. Kif rajt hekk tlaqt niġri għal fejn kont rajtha nieżla u rajt il-kaċċatur li kien sparalha biha f'idu. Ersaqt lejh u staqsejtu għaliha, dan tahieli għax qal li ma kellux x'jagħmbiha u qalli biex neħodha d-dar. Staqsejtu fejn kien laqatha għax ma kienx hemm demm ħiereġ. Qalli li kellha ġewnaħ miksur.

Tlaqt niġri biha f'idi u ħadtha għand il-ħbieb tiegħi biex forsi insalvawha. Illum irrid immur naraha, ħalli nara x'sar minnha.

Jien ngħid li din inġustizzja għax mhux talli sparalha iżda sparalha għalxejn! Xtaqt li kieku kien hemm xi ħadd kbir miegħi biex forsi kien jgħidlu xi żewġ kelmiet sbieħ.

Ngħid jien, dan il-kaċċatur konservazzjonist x'kellu x'jagħmbiha din il-ħuttafa?

**Joanna Ellul**
Għargħur

ps Mhux talli spara lill-ħuttafa iżda biex nipprova nsalvaha kont għoddni tlift il-kelba, li ħarbitli u sibtha fuq l-għatba tal-bieb!



Desirée Falzon

Ħawwiefa mejta

*Għażiża Joanna,*

*Meta nisma' stejjer bħal dawn tiġini ħafna rabja ġo fija. Nisma' kemm nisma', ma nidrahom qatt...*

*Naħseb li dak il-kaċċatur ma tantx kellu x'jagħmbiha dik il-ħuttafa. Sempliċiment kellu s-senter f'idu, kellu skartoċċ fis-senter, kellu ġmiel ta' ħuttafa ttir quddiemu. Ħaġa waħda ma kellux - ftit rispett lejn il-ħajja!*

*L-Editur*

*ps U 'l-kelba ixtrilha ċinga!*

**Indirizzaw l-ittri tagħkom hekk!**

**Birdlife Malta**
**57 Triq Rigord**
**Ta' Xbiex MSD 12**

## Se jkollna...

# Taħdita u Kwiżż

Seħibna l-berdwoċer **Caldon Mercieca** se jagħtina talk interessanti bis-slajds dwar **il-Kuluri fin-Natura**. Wara, se nagħmlu Kwiżż żgħir bi premju, b'mistoqsijiet dwar dak li tkunu għadkom kemm rajtu u smajtu. U bħas-soltu, x'innaqqru jkun hemm ukoll!




Data: **25 Ġunju 1999**
Post: **Skola Primarja Furjana**
Ħin: **6.30pm - 8.00pm**
Dħul: **50c** (fil-bieb)
Età: **Ħuttaf kollha**



## Se jkollna...

# Dawra m'Għawdex




Tiġu dawra m'Għawdex bil-lanċa!!? Hekk hu! Se nippruvaw ngħaqqdu grupp biex **immorru vjaġġ ta' ħames sigħat** madwar ix-xtut ġeblija u interessanti tal-gżira Għawdxija. Aħna u sejrin se nagħmlu anke **waqfa qasira fil-Blue Lagoon** famuża ta' Kemmuna, għal min ikun irid idur daqsxejn jew anke jaqbeż jgħum.



Data: **11 Lulju 1999**
Niltaqgħu: **Il-Marfa**
Ħin: **12.00 nofsinhar**
Lura: **5.30pm**
Prezz: **Kbar: Lm4.50**
**Żgħar: Lm3.50** (taħt 12-il sena)
Ibbukkjaw: **imlew l-applikazzjoni** (ma' dal-magażin) **u ibagħtuha mal-flus**
Closing Date: **25 Ġunju 1999**
Età: **Ħuttaf kollha** (u familja, ħbieb eċċ)

## Se jkollna...

# barbikju




**Sejrin nieklu Xrobb l-Għaġin**, imma mhux se nixorbu l-għaġin! Għad-dawl tax-xemx nieżla u l-ħoss tal-mewġ, se nagħmlu barbikju. Ejjew!

Data: **30 Lulju 1999**
Post: **Xrobb l-Għaġin**
Niltaqgħu: **7.30pm Bieb il-Belt**
Prezz: **Lm2.50** (fuq il-post)
Ġibu: **platt, furketta eċċ.**
Ċemplu: **Ċentru BirdLife** (347646, 9am-12)
Closing Date: **26 Lulju 1999**
Età: **Ħuttaf 12yrs+**

Din l-attività se ssir flimkien man-Nature Trust

## Se jkollna...

# Avventura f'Ta' Ċenċ




Avventura bil-lejl f'Ta' Ċenċ. Daż-żmien tas-sena nagħmlu l-ħarġa tas-soltu-mhux-tas-soltu! Se **naqsmu għal Għawdex**, imbagħad se **nimxu max-xatt sa l-irdum f'Ta' Ċenċ**. Hemmhekk **nistennew iċ-Ċief** jidħol filgħaxija, u nitpaxxew nisimgħu l-agħjat ta' dawn l-għasafar misterjużi. Imbagħad se **norqdu barra** fuq l-irdum. Filgħodu jgħaddi għalina vann u jniżżilna lura l-iMġarr.

Data: **17 Lulju 1999**
Post: **Ta' Ċenċ**
Niltaqgħu: **2.45pm - Bieb il-Belt**
**jew 4.00pm - iċ-Ċirkewwa taħt l-arloġġ**
**jew 4.40pm - ix-xatt ta' l-iMġarr.**
Prezz: **80c** (għall-vann - ferry mhix inkluża)
Ġibu: **ikel, sleeping bag (jew kutra), kollox f'basket tad-dahar. U walking shoes.**
Ċemplu: **Ċentru BirdLife** (347646, 9am-12)
Closing Date: **14 Lulju 1999**
Lura: **18 Lulju** mal-vapur tas-**7.30am.**
Età: **Ħuttaf 12yrs+**

# Gallerija

*Georgina Magro (12)*




*Karl Louis Caruana (9)*




*Jesmond Ellul*




*Charlene Azzopardi (7)*




*David Attard (11)*




*Kenneth J Vella (9)*




Tpinġix ikbar minn 10x10ċm, uża karta (mhux kartonċina) bajda u tpinġix bil-kulur. Ikteb isem l-annimali jew pjanta u ismek u l-età. Jekk timxi mar-regoli, it-tpinġija tiegħek għad tidher fil-magażin.

## Ħmerijiet li nisma'...

Desirée Falzon

# "Xi dnub!!"



Alfred E Baldacchino

"Tfal, tridu nagħmlu reċta ta' l-annimali?" staqsejt lill-klassi.

"Iva! Iva!" għajtu lura. U kulħadd beda jgħidli x'annimal xtaq ikun.

"Jien Gremxula ta' Filfla rrid inkun!" qalli wieħed.

"Orrajt, imma għalfejn għażilt Gremxula ta' Filfla?" Skantajt kif minn tant annimali kien għażel wieħed li mhux soltu naraw.

"Għax għandha żewġt idnub. U jien irrid inkun speċjali!"

"Din minn fejn ġibtha?" tbissimtlu.

"Ħeqq, mhuxhekk jgħidu?!" kien pront qalli.

Kont lesta għalih: "Mela jgħidu ħażin. Il-Gremxula ta' Filfla denb wieħed għandha, bħal dik ta' Malta. Imma forsi darba raw waħda b'żewġt idnub fuq Filfla, u ħasbu li kollha hekk ikunu"

"Imma, Miss, allura kif raw gremxula b'żewġt idnub, jekk qed tgħid li għandhom wieħed?"

"Ħa nispjegalek sew. Meta l-gremxula jattakkaha predatur, ħafna drabi jaqbadha minn denbha. Il-gremxula hija kapaċi twaqqa' denbha, li jibda jferfer u jitgerbeb waħdu u jiġbed l-attenzjoni tal-predatur. Sadattant il-gremxula taħrab, u tibqa' ħajja. Imbagħad jerġa' jikbrilha denb ieħor. Imma xi drabi d-denb ma jinqatax sew. Jibqa' mdendel, u xorta jibda jikber it-tieni wieħed. U b'hekk il-gremxula tispiċċa qisha għandha żewġt idnub. Fhimt issa?"

"Iss, mela minix se nkun speċjali," qalli l-istudent.

"Speċjali dejjem," weġibtu, "għax il-Gremxula ta' Filfla xorta hija ikbar minn dik ta' Malta, u tkun sewda."

"Grazzi, Miss!"

U b'hekk splodejna ħrafa u ħmerija oħra!




**Għal dawk li waslu biex iġeddu l-miżata tal-Klabb: Il-poster u t-tessera se jibdew jaslulkom mhux weħidhom, imma mal-ħarġa tal-Huttafa li jkun imiss.**

M'intix berdwoċer jekk m'intix fil-
Birdwatchers Club

BirdLife Malta • 57 Triq Rigord Ta' Xbiex MSD 12



# Ħniena għal Baliena!

Elisabeth Conrad

**Il-balieni huma mammiferi bħalna. Fl-istess ħin huma differenti ħafna, għax huma annimali totalment tal-baħar. Għalkemm kbar, il-balieni mhux diffiċli toqtolhom għax jgħumu bil-mod u għax jitilgħu f'wiċċ il-baħar għan-nifs. U ma jattakkawx lura...**

Xi pajjiżi għamlu żmien twil jaqbdu l-balieni għal laħamhom, għal żejthom u għal għadamhom. Għal ħafna snin il-qbid kien żgħir minħabba ċ-ċokon tal-vapuri u l-armi li kienu jużaw. Imma mbagħad **bdew jinbnew vapuri kbar u b'saħħithom**, bi ħrapan daqsxiex li jisparaw vleġeġ bil-bomba fit-tarf! U xi pajjiżi oħrajn tħajru!



Bil-metodi l-ġodda l-balieni bdew jinqatlu kif ġie ġie. Bejn l-1925 u l-1975 **inqatlu xi miljun u nofs baliena!** Xjenzati sabu li tmienja mill-ħdax-il speċi prinċipali kienu diġà kważi nqerdu minħabba l-kaċċa esaġerata. Fil-fatt xi speċi bħall-Blue Whale għadhom sal-lum mhedda bl-estinzjoni. Biex tkompli taggrava s-sitwazzjoni, il-balieni jirriproduċu b'rata bil-mod ħafna, u ma jkollhomx frieħ kull sena.

Xi pajjiżi ndunaw bil-problema u **ħadu miżuri** biex il-balieni ma jinqerdux. Fl-1970 l-iStati Uniti waqqfet



"...bi ħrapan daqsxiex!"

kull forma ta' *whaling* kummerċjali, u lanqas ma ħalliet li jiddaħħlu fil-pajjiż prodotti tal-balieni.

Fl-1985 l-International Whaling Commission (IWC) imponiet moratorjum internazzjonali, jiġifieri **waqqfet il-qbid kollu** għal numru ta' snin. Dan sar biex il-balieni jkollhom ċans jirkupraw. Dan il-moratorjum kellu xi effetti pożittivi. Xi balieni reġgħu bdew iżidu fin-numru, u l-qtil naqas sew. Fejn fl-1970 inqatlu 42,000 baliena, fl-1994 inqatlu biss 700.

Imma bdew jinqalgħu l-problemi. Xi pajjiżi bħal Norway, Iceland, Japan u l-Perù opponew il-moratorjum. Bdew jużaw l-iskuża li qegħdin jaqbdu l-balieni għal **riċerka xjentifika**! Fl-1993, Norway qalet li ser terġa' tibda taqbad il-Minke Whale. Dawn il-pajjiżi jaraw il-qbid tal-balieni bħala tradizzjoni. Ħafna *whalers* jagħmlu pressjoni fuq il-politiċi għax jgħidu li huma għandhom id-dritt jagħmlu dax-xogħol.

Fl-1994, l-IWC iddikjarat **santwarju għall-balieni** f'medda ta' 31,000,000km$^2$ fl-Oċejan Atlantiku fejn ma tippermettix kaċċa għall-balieni. Dal-post intgħażel għax fih iwelldu l-frieħ 90% tal-balieni ta' valur kummerċjali. Il-problema hija li l-area tant hi vasta li impossibli tiddefendiha kontra min jikser ir-regolament. Xi pajjiżi, bħall-Japan u r-Russja, għamluha ċara li mhumiex ser jirrispettaw is-Santwarju.

Il-balieni huma **annimali intelliġenti** u ta' ebda periklu għall-bniedem. Importanti li anke jekk il-*whaling* ma jinqatax għal kollox, in-numri li jinqabdu għandhom ikunu dejjem baxxi biżżejjed li l-annimal jingħata ċans jirkupra.

**Jekk le, bla dubju ma ndumux ma nitilfu għal kollox dawn il-ġganti tad-dinja selvaġġa.**

## Grazzi

Grazzi **Michael Falzon** tal-jigsaw puzzles li għamiltilna għall-GreenWeek. Kun af li ħafna nies riedu jixtruhom!

Grazzi **Ralph Cassar u sħabek tal-Kulleġġ St.Albert the Great** tal-feature li għamiltulna għall-kompjuter dwar BirdLife Malta. Grazzi wkoll tal-ħafna bird tables u bird boxes li għamiltulna.

Grazzi Ħuttaf **Kenneth Cauchi, Sara Jane Cauchi, Denise Grima** u **Denise Kenely** talli għentuna ndaħħlu l-membri waqt il-GreenWeek.

Grazzi **André Vella** ta' l-Lm40 li rnexxielek tiġbor waħdek waqt il-Fiera ta' l-Ortikultura.

## Kotiloriża



Brama sabiħa li hemm ċans narawha tgħum magħna fil-baħar. Mhijiex komuni. Jispikkaw il-boċċi vjola f'tarf it-tentakli. Sa ma nsibulha isem sura, insejħulha **Kotiloriża** (mill-isem xjentifiku tagħha *Cotylorhiza*).

## Il-Ħuttafa tas-Sena

Dawn huma l-ħames membri li bħalissa qegħdin fuq quddiem nett fit-tellieqa għall-Ħuttafa tas-Sena

| | |
|---|---|
| Jurgen Pavanello | 97 |
| Kenneth Cauchi | 55 |
| Sara Jane Cauchi | 55 |
| Alvin Borg | 45 |
| Clayton Borg | 45 |




# Daħħal MEMBRU fi Klabb Ħuttaf

## u lilek nibagħtulek...

- Tliet pitazzi ta' l-għasafar u
- Stiker bil-kulur ta' għasfur



**Ħajjar** ħbieb, aħwa u kuġini jidħlu fi Klabb Ħuttaf, **tihom** jimlew kopja ta' dil-formola, **imla** isfel id-dettalji tiegħek stess, u **ibgħathomlna**, flimkien mal-Lm1.50ċ tal-membru l-ġdid. Il-pitazzi u l-istiker jaslulek bil-posta f'temp ta' ftit ġranet. **Garanzija!**



**Ftakar li għal kull membru li ddaħħal, inti tieħu 8 punti fl-iskema Ħuttafa tas-Sena.**




**DETTALJI tal-MEMBRU ĠDID**

Isem u Kunjom ______________________

Indirizz ______________________

______________________

Postcode ______________________

Data tat-Twelid ______________________

Telefon ______________________



**DETTALJI TIEGĦEK STESS**

Isem u Kunjom ______________________

Indirizz ______________________

______________________

Postcode ______________________

Telefon ______________________

**TQATTAX IL-MAGAŻIN - ĦU FOTOKOPJA**

**Ibgħat kollox lil BirdLife Malta - 57 Triq Rigord, Ta' Xbiex MSD 12**
Tibgħatx flus bil-posta - l-aħjar ċekk (pagabbli lil BirdLife Malta) jew Postal Order jew 25 bolla tas-6ċ

Victor Falzon










**Żgħażagħ jarmaw il-bird tables, video għaddej, kompjuter għaddej, tfal jilagħbu bil-jigsaw puzzle, membri jbigħu s-siġar ta' l-Għargħar, oħrajn jimlew il-formoli, oħrajn jirrumblaw il-posters, nies jimxu, jieqfu, jaraw, jistaqsu, jisimgħu, jixtru, jidħlu membri... Xeni ta' kuljum fl-istand tal-BirdLife waqt il-GreenWeek 99 li saret f'April li għadda. Waqt din l-attività, daħlu biss biss 105 membri ġodda fi Klabb Ħuttaf!**

